MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.
SILVIO MELI**

Seduta tat-12 ta' Lulju, 2005

Avviz Numru. 491/2004

**Fogg Insurance Agencies Limited ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' estera Norwich Union International Insurance Limited kif surrogata fid-drittijiet ta' l-assigurat taghha Mark Anthony Portelli abbazi tal-polza ta' assigurazzjoni tat-tip comprehensive u tal-Ligi u l-istess Mark Anthony Portelli**

**vs**

**John Farrugia f'ismu personali u ghan-nom u in rapprezentanza ta' Zoqdi Hydro Rocks Construction Limited**

**Il-Qorti,**

**Rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenuti ghall-hlas tas-somma ta' tlett elef mitejn u tlieta u tmenin Lira Maltin u wiehed u disghin centezmu, (LM3,283.91,0), jew somma ohra verjuri, in kwantu ghall-ammont ta' tlett elef mija u tmien Liri maltin u wiehed u disghin centezmu, (LM3,108.91,0), jew somma ohra verjuri, lis-socjeta' attrici Fogg Insurance Agencies Limited nomine ammont rapprezentanti d-danni sofferti mill-attur Mark Anthony Portelli, assigurat taghha u li ghalihom ghamlet tajjeb l-istess socjeta attrici, u in kwantu ghas-somma ta' mija u hamsa u sebghin Lira maltin, (LM175.00,0), lill-attur Mark Anthony Portelli, ammont rapprezentanti excess payment skond il-polza ta' assikurazzjoni, liema danni gew sofferti bhala rizultat ta' l-incident awtomobilistiku li sehh fis-27 ta' Ottubru tas-sena 2003 ghall-habta tan-nofs siegha u fil-ghodu gewwa Triq Hal Far, Ex-Runway, birzebbugia, illi fih kienet involuta l-vettura bin-numru ta' registrazzjoni MAP – 777 propjeta' ta' l-attur Mark Anthony Portelli, liema incident sehh minhabba xoghlijiet minnu effettwati b'mod negligenti u traskurat f'nofs it-triq in kwistjoni, minghajr ebda sinjal jew indikazzjoni skond il-Ligi;**

**Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra ufficcjal tal-21 ta' Ottubru tas-sena 2003 u tal-Mandati Kawtelatorji li qed jigu pprezentati kontestwalment ma' dan l-att, u interessi legali kontra l-konvenut mid-data tan-notifika ta' l-imsemmija ittra ufficjali tal-21 ta' Ottubru tas-sena 2003, sad-data tal-hlas effettiv, minn issa ngunt ghas-subizzjoni;**

**Wara li rat in-nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenuti jwiegbu ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ppruvat (artikoli 698 (2) u 702 tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili);**

**Billi ghalkemm notifikati regolarment il-konvenuti naqsu u ma deherx, la fit-28 ta' Gunju tas-sena 2005 meta gew ipprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-**

**Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;**

**Tiddeciedi billi tilqa’ t-talba tas-socjeta’ attrici bl-ispejjez kontra l-konvenuti.**

**Marisa Borg**
**Deputat Registratur**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------